Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 189 / 2015**

Il-Pulizija

vs

**Mark Camilleri**

Illum, 28 ta' Marzu, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mark Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 88088 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn id-9 u 1-10 ta' Mejju 2014 f' diversi hinijiet x' imkien f' dawn il-gzejjer:

1) Ghamilt uzu mhux xieraq minn sistema jew apparat tal-komunikazzjonijiet eletronici

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi mmalafamajt bil-kliem lil Mario Calleja

Il-Qorti hija mitluba sabiex minbarra l-piena li jidrila xierqa tapplika l-provediment tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 u dan ghas-sigurta' ta' Mario Calleja"

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-

artikolu 45 (1) (d) tal-kapitolu 399 u l-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lilli-imputat hati izda illiberatu taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien

sentejn (2). Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 rabtet lill-imputat Mark Camilleri b' obligazzjoni ta' elf ewro (€1000) li jzomm il-kwiet ma' Mario Calleja ghal zmien sena millum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Mark Camilleri minnu pprezentat fid-29 ta' April, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah minn kull imputtazzjoni u piena skont il-ligi, inkluz il-precett penali impost fuqu kif premess.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

Illi qabe1 xejn jigi rilevat illi ma jezisti l-ebda artikolu 45 (1) (d) tal-Kapitolu 399, kif dettat fis-sentenza, u ghalhekk, certament, l-esponenti ghandu jigi lliberat mill-ewwel imputazzjoni li saret fil-konfront tieghu;

Illi in kwantu ghat-tieni imputazzjoni jigi umilment sottomess illi:

a. Fl-ewwel lok il-kwerelant bl-ebda mod ma wera' , fil-grad tal-prova rikjesta f' proceduri kriminali, illi huwa b' xi mod sofra malafama u/jew hsara ghar-reputazzjoni tieghu. Kif jirrizulta mill- fatti hawn fuq rapportati, il-kliem allegatament malafamanti lanqas biss gew ippubblikati fuq il-pagna tal-Facebook tal-kwerelant innifsu. Oltre minn hekk, u kif xehedu Victor Vella u l-kwerelant Mario Calleja, dawn il-kliem gew imhassra [minn Victor Vella] ftit sieghat biss wara li gew ippubblikati. Minn dan jinzel illi ma kienx hemm l-estrem ta' pubblicita' estensiva, kif lanqas ma kien hemm l-ebda element ta' malafede jew ta' xi vendikazzjoni da parti tal-esponenti. Jista' jinghad bhala mezz difensjonali illi l-iskop ta' dak l-inkiteb mill-esponenti kien wiehed ta' animus corrigendi u dan ghall-fini li jigi raggunt l-iskop salutari biex l-affarijiet jitmexxew sew u bil-ghaqal. Ma' dan ghandu jizdied illi fix-xhieda tieghu Mario Calleja stqarr li ma kellu l-ebda problema bil-kritika tal-imputat fil-konfront tieghu, izda hassu offiz fir-rigward tad-diskors fuq it-tenders.

b. Illi fit-tieni lok, u kif xehed l-esponenti, huwa kellu provi cari u konklussivi illi dak illi huwa allega fil-kitba tieghu, b' mod specifiku dwar l-allegat nuqqasijiet fl-

ghoti ta' xi tenders mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala, kien minnu. Nonostante li saret talba mill-istess esponenti sabiex iressaq din il-prova, l-ewwel Onorabbli Qorti baqghet ghaddeja biex tghaddi ghas-sentenza u ghalhekk l-esponenti ma kellu l-ebda cans biex igib l-ahjar prova (ara f' dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet "Amabile Cauchi vs Ganni Attard", Appell Kriminali, 21 ta' Mejju 1955 (Vol. XXXIX, P. IV, Pg. 1037).

c. Illi fit-tielet lok, u minghajr ebda' pregudizzju ghall-premess, il-kritika tal-esponenti ma kenitx diretta lejn Mario Calleja personalment izda lejn l-istitut tas-Sindku u l-Kunsill Lokali ta' Marsascala.

d. Illi fir-raba lok, u minghajr ebda' pregudizzju ghall-premess, huwa ormai konkordi u accettat, f' socjeta' demokratika, kritika ta' natura politika. Jinghad illi kull Qorti ghandha tigi gwidata minn principji fondamentali u kostituzzjonali tal-liberta' tal-espressjoni, b' mod partikolari fejn tidhol il-kritika ta' personaggi politici fil-kamp pubbliku. Ara f' dan is-sens is-sentenza moghtija minn din l-Onrabbli Qorti fit-8 ta' Frar 2012 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mark Camilleri" fejn il-Qorti ghamlet referenza ampja ghall-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja u sentenzi tal-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem.

Illi ghalhekk, u abbazi tal-premess, l-esponenti ghandu jigi lliberat mit-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

3. Illi ukoll, l-esponenti bl-ebda kitba u fl-ebda mument ma qatt hedded lill-kwerelant Mario Calleja u ghalhekk ma tezisti l-ebda biza oggettiva u gustifikata illi s-sigurta' tieghu tinsab perikolata. Ghalhekk, tenut kont tal-fatti u tal-osservazzjonijiet kollha hawn suesposti, l-ewwel Qorti ma messiex timponi ebda' precett penali fuq l-esponenti ai termini tal-art. 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet dak li kellhom xi jghidu l-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fir-rigward ta' l-ewwel aggravju jinghad li d-difiza qed issostni li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija nulla. Jinghad f'dan ir-rigward li l-ewwel qorti iccitat fis-sentenza taghha l-artikolu 45 (1) (d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu tal-ligi ma jirriflettix l-ewwel akkuza in desamina u lanqas it-tieni. L-appellant fir-rikors tal-appell tieghu f'dan ir-rigward jghid li huwa ghandu jigi liberat minn din l-akkuza stante li l-artikolu 45 (1) (d) tal kap 399 ma jirriflettix l-akkuza in desamina li tinsab fl-artikolu 49 (c) ta' l-istess kap.

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal- Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[1]" [25.9.2003] ; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[2]" [9.9.2002]; "**Il- Pulizija vs.Benjamin Muscat**[3]" [10.7.2002 u 28.6.2002] "**Il-Pulizija vs. Donald Cilia**[4]" [24.4.2002], "**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**[5]" [14.9.2004]; "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**[6]" [19.5.2005] u ohrajn).

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-25 ta' Settembru 2003.
[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 2002.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Lulju 2002 u 28 ta Gunju 2006.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta' April 2002.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Settembru 2004.
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-19 ta' Mejju 2005.

Dan in-nuqqas fis-sentenza appellata certament jirrendiha nulla ghaliex ovvjament minkejja li l-ligi  citata tidher korretta kieku kien abbinat mal-artikolu korrett, gie indikat li hu artikolu iehor. Illi l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma nuqqas ta' citazzjoni tal-artikolu tal-ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara "**Il-Pulizija vs. Mario Agius**[7]"  u ohrajn).

Illi l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas "*ex officio*" ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[8] ; "**Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**[9]" u ohrajn).

Illi pero' dan ma jwassalx ghall annullament tal-procedura kollha li saret quddiem l-Ewwel Qorti kif qed jippretendi l-appellant fl-istess aggravju tieghu. In-nullita' hija limitata biss ghas-sentenza u kull parti ohra precedenti tal-proceduri kontra l-appellant tibqa' bla mittiefsa w ghalhekk kull ma jrid isir hu li l-Qorti terga tippronunzja s-sentenza billi ssegwi l-vot tal-artikolu 382 u xejn aktar u konsegwentement l-appellant irid jitpogga mil-gdid fil-pozizzjoni li kien immedjetament qab el ma giet ippronunzjata ssentenza appellata biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi w, wara li rat il-provi traskritti u l-affidavits esebiti, ser tghaddi biex terga' tiddeciedi l-kawza fil-mertu w tikkonsidra l-aggravji tal-appellant bhala sottomissjonijiet in difeza.

Illi fis-seduta tat-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti, Dr Andrew Sciberras  l-Avukat difensur tal-appellant spjega li fis-sentenza appellata, l-imputat kien instab hati taht l-artikolu 49 tal-Kap 399 abbinat mal-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. Izid ighid pero li bl-att XI tal-2018 li dahal fis-sehh fl-24 ta' April, 2018 u ghalhekk fil-mori tal-proceduri ta' dan l-appell u wara sentenza tal-ewwel Qorti, l-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali gie mhassar (X1.2018.25) filwaqt bl-istess att (XI.2018.32) zdied proviso ghal-artikolu 49 tal-Kap 399 fejn ukoll giet eskluza l-htija taht dik il-ligi meta l-kliem malafamanti jistghu jghatu lok ghall malafama jew ingurja skont l-att dwar il-Media.

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta Frar 1995.
[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-26 ta' Mejju 1994
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-6 ta' Jannar 2005

Din il-Qorti sejra tibda billi tezamina jekk dawn l-emendi li saru fil-mori tal-appell u wara l-ghoti tas-sentenza appellata ghandhomx impatt fuq id-decizjoni appellata.

Jirrizulta li t-tieni akkuza hija bazata fuq l-artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li gie mhassar permezz tal-Att X1.2018.25 u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tqis l-akkuza u l-provi migjuba fil-kuntest tat-tieni akkuza ai fini tal-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in omagg mal-principju ta' *nullum crimen sine lege.*

Ghalhekk din il-Qorti sejra tikkunsidra it-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-appellant taht l-artikolu 49 ( c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat permezz ta-Att XI.2018.32 u cioe li ghamel uzu mhux xieraq minn sistema jew apparat tal –komunikazzjoni eletronici billi immalafama lill-Mario Calleja .

Dan l-artikolu llum il-gurnata jaqra:

'*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*

*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*

*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*

*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista',*

*meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat;*

***Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jew inġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.***[10]'

[10] Sottolinear ta din l-Qorti

Dan il-kaz jittratta dwar kummenti li saru minn Mark Camilleri fuq il-blog tal-gurnalist Victor Vella fir-rigward tal-artikolu bl-isem *"Is-Sindku ta' Marsakala, tal-PN ilhom ma jesqu 'l hawn'* li kien gie pubblikat fuq il-gurnal l-Orizzont ta' nhar id-9 ta Mejju, 2014. Din il-Qorti tqis din dan il-kumment bhala tali jaqa' taht il-proviso mizjud permezz tal-Att Att XI.2018.32. Jirrizulta li l-kliem uzat huwa 'kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat' u ghalhekk jirrizulta li jistgha jaghti lok ghal-azzjoni ghal-malafama jew ingurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Dan huwa kaz fejn l-appellant ippublika xi kliem malafamanti fuq xi sit socjali *on line* u allura fejn il-pubbliku jew uhud mil-pubbliku kellu access ghalih.

Din il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel referenza ukoll ghal posts ohra li jinsabu fuq il-blog kif rapportati fid-dokument esebit fl-atti markat bhala dok RSA 2 a fol. 10 et seq fejn jirrizulta li hemm diversi malafami ohra bhal *'min gie elett mhux kapaci jamminsitra,....sindku bazi....min mhux tajjeb biex jamminsitra u qed igib il-voti bilil jidhaq bin-nies ghandu jmur id dar u jibda jfitte xoghol....empty vessels make most sound,* u kif stqarr Mario Calleja stess fix-xhieda li hwua ta quddiem din il-Qorti diversament preseduta huma kollha kummenti malafamanti u ingurjuzi fil-konfront tieghu .

Ghalhekk jirrizulta li l-emendi li saru fuq l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta fil-mori tal-appell permezz tal-Att XI.2018.32 huma tali li fit-termini tal-proviso ta' dan l-artikoli m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att.'

Ghaldaqstant l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba l-emenda li saret fil-mori tal-appell m'ghadux applikabbli.

Ikkunsidrat;

Kif ikkunsidrat dwar l-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard Charles Spiteri) vs Francine Cini'**[11]:

[11] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Lulju, 2017 (Kaz Numru: 371/2017)

'*Dina d-dicitura hija ben differenti minn dak ikkontemplat fl-artikolu 48 fejn il-kliem uzat huwa "uzu mhux b'mod kif imiss*." Kien dana l-iskop tal-legislatur meta dahlet dina l-emenda fil-ligi permezz tal-Att XXX tal- 2007.

Illi ma hemmx dubju illi l-imputat intenzjonalment uza s-soccial media  sabiex jaghmel uzu mhux xieraq bl-istess fis-sens illi tella posts  bi kliem ingurjuz dwar il-parti leza.

Il-Qorti ikkunsidrat x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur u x'ried partikolarment ifisser bil-kliem 'uzu iehor mhux xieraq' fejn fis-seduta tal-Parlament 'Laqgha nru. 117, ta' nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru 2007' ntqal:

*"DR PETER GRECH: Bħalissa fil-ligi hemm l-istess pieni, l-istess kappa ħlief sub paragrafi (a) (b) u (c). Bħalissa r-reat huwa li wieħed jagħmel improper use minn apparat ta' komunikazzjoni elettronika. Dan dejjem ftiehem li l-improper use huwa dawn l-affarijiet li hawn fil-paragrafi (a), (b) u (c) jigifieri li wieħed juza apparat biex jhedded lil ħaddieħor, biex jestorci flus, igiegħel lil ħaddieħor jagħmel xi ħaga illegali jew biex jagħmel harrassing, biex idejjaq lil ħaddieħor.*

*DR PETER GRECH: Issa li gara huwa* ***nqalgħet diffikulta' fil- qorti dwar xi tfisser improper use.*** *Fil-fatt kien hemm sentenza li jekk telephone uzajtu bħala telephone qatt ma nista' nkun għamilt improper use tat-telephone anke jekk uzajtu biex indejjaq lil xi ħadd. Il-bzonn ta' din l-emenda nqala' minħabba dan, biex niccaraw x'ifisser improper use.* ***Tħalliet il-klawsola generali "or makes any other improper use thereof" imma gie izjed specifikat x'ifisser l-improper use, x'għandu jigi projbit, li tuza apparat elettronika għal dawn l-iskopijiet imsemmija****."* (enfasi tal-Qorti)

Minn dan johrog illi l-interpretazzjoni li ghandha tinghata lill-frazi "*uzu iehor mhux xieraq*" ma jfissirx kwalunkwe uzu, jew kull haga taht il- kappa tax-xemx, maghduda kull offiza, insult jew kelma zejda, izda ghandha tigi interpretata b'mod ferm aktar ristretta, primarjament fejn si tratta theddid, estorsjoni u attivitajiet illeciti.

Illi l-Ezekuttiv ghazel b'mod espress illi sa anke jelimina l-fastidju minn taht il-kappa ta' "*uzu iehor mhux xieraq*" tant li dan is-sub-paragrafu propost ma nghatax il-barka mil-Legislatur u gie eliminat: "(c) *pursues a course of conduct which amounts to harassment of another person or which he knows or ought to know amounts to harassment of another person;*"

Illi n-nota fil-margni tal-artikolu 49 tal-Kap 399 tkompli taghti sostenn ghall-intepretazzjoni moghtija mill-esponenti tal-intenzjoni tal-legislatur:

'***Uzu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid***.' (enfasi tal-Qorti).'

Dik il-Qorti fost numru ta' kunsiderazzjonijiet ohra, ikkunsidrat li:

'Illi l-imputat, fl-ewwel lok jidher illi l-akkuzi addebitati lilu huma dik ravvizata fis-sub-inciz (c) tal-artikolu 49 li allura jipprospetta l-uzu mhux xieraq li jsir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni. Billi jirrizulta minn qari tal-email eebiti illi huwa tellgha posts fuq il blog ta Victor Borg bi kliem ingurjuz u lill-kwerelant b'dan ghalhekk illi dak ravvizat fis-sub-inciz (c) immaterjalizza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Lee Borg[12]'** il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li:

'*Jilment ukoll l-appellanti fir-rigward tat-tieni imputazzjoni li dwarha instab hati illi huwa qatt ma uza kliem ta' theddid fl-email mibghuta u allura kellu jigi illiberat. Illi l-appellanti ma ghandux ragun ghaliex fl-ewwel lok jidher illi it-tieni akkuza addebitata lilu hija dik ravvizata fis-sub-inciz (a)(b)u (c) ta'-artikolu 49 li allura jipprospetta tlett sitwazzjonijiet differenti u mhux biss it-theddid tar-reat li jitkellem dwaru is-sub-inciz (a). Illi allura dan ir-reat jikkontempla ukoll l-uzu mhux xieraq li isir permezz ta' xi network jew apparat ta' telekomunikazzjoni u dan fis-subiniciz (c) tieghu, ghalkemm l-Ewwel Qorti ma tindikax taht liema sub-inciz qed tinstab il-htija. Billi l-appellanti ex admissis jistqarr illi huwa bghat e-mail bi kliem ingurjuz lill- kwerelanti b'dan ghalhekk illi dak ravvizat fis-sub-inciz (c) immaterjalizza, allura dan l-aggravvju ukoll ma jisthoqqlux akkoljiment*.'

[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 2016 (Appell Numru: 27/2016)

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Spettur Martin Sammut vs Dr. Alfred Grech**[13]' gie kkunsidrat li:

*'L-għemil kkontemplat fil-paragrafi (a) u (b) jikkonsisti fl- uzu minn xi persuna ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika sabiex jikkomunika lil ħaddieħor theddida ta' għemil għall-għanijiet previsti f'dawk il-paragrafi. In vista ta' l-għanijiet hemm previsti ma hemmx dubbju li l-ligi fl-istess paragrafi qed tikkontempla għemil li bl-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika huwa mmirat sabiex jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor. Meta fil- paragrafu (c ) jingħad li "**jagħmel uzu ieħor mhux xieraq**" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispozizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix necessarjament f'theddid izda li, bl-applikazzjoni tar-regola eiusdem generis, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messagg li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaggi in kwistjoni ma jitqiesux theddid izda jitqiesu bħala messaggi vulgari dan hu bizzejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (c ) msemmi in kwantu huma messaggi li tal-anqas idejjqu,jivvessaw jew joffendu lil min jircevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min ircevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola eiusdem generis għall- interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (c ) msemmi.'*

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti hija tal-fehma li bil-frazijiet fuq indikati bejn l-appellant u terzi hi tali li tikkostitwixxi uzu mhux xieraq. Mhemnx dubbju li l-intensjoni tal-appellant kienet wahda u cioe' li jghamel hsara lill-kwerelanti, billi jimmalafamah gewwa fora pubblika.

Huwa pertinenti li din il-Qorti tqis il-kuntest kollu tal-kliem li l-parti leza hassitha ingurjata bihom biex tiddeciedi jekk l-Ewwel Qorti kinitx korretta meta qieset dawn il-kliem bhala ingurjuzi. Dawn jinstabu f'kemm a fol 9 et seq. Din il-Qorti ssib li l-kliem kif fuq riportat fil-kuntest kollu li l-kliem intqalu bhala ingurjuzu u ghalhekk fil-kuntest tal-akkuza taht l-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liigijiet ta' Malta jirrizulta

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Lulju, 2013 (Numru 344/2012)

li l-appellant ghamel uzu iehor mhux xieraq ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika pero stante li l-kliem huma malafamanti u ghalhekk proceduri jsitghu jittiehdu skond l-Att dwar il-media jidhol in ballo il-proviso ta dan l-artikolu 49 tal kap 399 tal-ligijiet ta Malta m'għandhomx jagħtu lok għal reat taħt dan l-Att u ghalhekk hawnhekk ukoll l-Qorti tasjteni mili tiehu konjizzjoni ta din it-tieni akkuza.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda ghar-ragunijiet ikkunsidrati, tilqa' l-appell, billi thassar u tirrevoka l-ewwel sentenza moghtija fil-konfront ta-appellant kemm fir-rigward ta htija kif ukoll fir-rigward tal-ordni tal probation moghtija u tasjteni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuzia kif addebitati fil-konfront tal-appellant.

Qieghda ukoll konsegwentement tirrevoka l-obbligazzjoni ordnata fil-konfront ta Mario Calleja fejn rabtet lill-appellant biex izomm il-kwiet ma Mario Calleja ghal zmien sena minn dak inhar tas-sentenza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur